**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**
**[Spettur Mario Sciberras]**

**vs**

**Biser Lashev**

**Illum, 17 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Biser Lashev detentur tal-karta tal-identita` Bulgara numru 646698681 akkuzat talli: fi zminijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

**1.** Nhar 12 ta Awwissu 2017; f' xi hin bejn 17:45 u 18:00hrs minn gewwa vettura parkeggjata Triq it- Truncieri, San Pawl Il-Bahar li ggib in-numru ta Registrazzjoni GEO-005; ikkommetta serq ta diversi oggetti fosthom €3000 fi flus kontanti, ghad- detriment ta Ianko Gueorguiev u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, bil-valur li jiskorri minn €2,329.37, bil- persuna u bix- xorti tal- haga misruqa.

**2.** Fix-xhur li ghaddew u/jew matul is-snin 2018-2017, minn gewwa residenza 'St. Joseph House', Triq il- Lunnzjata, Mosta, ikkommetta serq ta diversi oggetti ghad- detriment ta Ianko Gueorguiev u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li mhux izjed minn €2,329.37, bil-lok u bil-persuna.

**3.** Fix-xhur li ghaddew u matul is-snin 2018-2017, minn gewwa 56, Scallop, Flt5, Triq il- Gifen, San Pawl Il- Bahar, ikkommetta serq ta diversi oggetti ghad-detriment ta Anguel Iankov Gueorguiev u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li mhux izjed minn €2,329.37, bil-lok u bil-persuna.

**4.** Nhar 9 ta April 2017; f' xi hin bejn 18:00hrs u 00:00hrs gewwa Triq il-Kavetta, San Pawl Il-Bahar; minn gewwa vettura li ggib numru ta registrazzjoni LCO-821; ikkommetta serq ta diversi oggetti fosthom ghodod (power tools), apparat elettroniku (Lap-top), cavetta ta vettura u dokumenti

Bulgari, ghad-detriment ta Borislav Yordanov u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat, bil-valur li ma jiskorrix €2,329.37, bil mezz u bix-xorti tal-haga misruqa.

**5.** Fix-xhur li ghaddew u matul is-snin 2018-2017, minn gewwa Geoholistic, Industrial Estate Mosta, ikkommetta serq ta diversi oggetti ghad-detriment ta Ianko Gueorguiev u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-valur li mhux izjed minn €2,329.37, bil-lok u bil-persuna.

**6.** Finalment, akkuzat ukoll, talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati tal-Bulgaria.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289, 279(b) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Biser Lashev hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal prigunerija effettiva ta' sentejn (2) u hames (5) xhur.

___________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**